MALTA

QORTI CIVILI

PRIM' AWLA

(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

ONOR. IMHALLEF

MARK CHETCUTI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 25/2012

Anthony, Mary, Jane, Tessie u Carmel ilkoll ahwa Zammit u Stephen Zammit u Josette Vassallo ulied Joseph Zammit

vs

L-Onorevoli Prim Ministru, il-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti tas-16 ta' April 2012 li jghid hekk:

Illl l-esponenti kienu proprjetarji tal-fond numru 8, Flat 1, Old Prison Street, Senglea. Dan il-fond kien suggett ghal cens temporanju favur terzi ghal perjodu ta' sbatax-il sena;

Illi fl-1 ta' Settembru 1986, u cioe, 4 snin qabel ma kellu jaghiaq ic-cens temporanju, il-Gvern irrekwizizzjona l-fond surreferit;

Illi fl-10 ta' Ottubru 1988 il-fond gie derekwizizzjonat u gew ritornati ie-cwievet tal-fond surreferit lill-esponenti;

Illi fil-15 ta' April 1989 l-esponenti saru jafu illi l-fond surreferit kien gja gie demolit mill-Gvern u dana qabel ma kien ghadu nhareg ebda avviz ta' esproprjazzjoni bil-modalita preskritta fil-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fis-27 ta' Ottubru 1989 giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern id-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta illi l-fond surreferit ittiehed mill-awtorita kompetenti, liema akkwist kien ghall-pussess u l-uzu ghal dak iz-zmien li l-ezigenzi tas-servizz pubbliku jehtiegu;

Illi fl-4 ta' Ottubru 1991 giet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern id-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta illi l-istess fond kien qieghed jigi mehud b'titlu ta' dominju pubbliku u mhux aktar ghall-pussess u l-uzu;

Illi fit-22 ta‘ Marzu 1999 l-Agent Kummissarju tal-Artijiet ipprezenta kontra l-esponenti quddiem il-Bord tal-Arbitraggi dwar l-Artijiet avviz ghall-ftehim fejn iddikjara li l-kera ta’ gharfien li l-awtorita kompetenti kienet lesta biex thallas ghall-akkwist b’titolu ta‘ dominju pubbliku ghall-fond surreferit kien ta' hmistax-il liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm15.62) fis-sena, illum ekwivalenti ghal sitta u tletin ewro u tmienja u tletin centezmu (€36.38);

Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' April 1999 l-esponenti, fost affarijiet ohra, iddikjaraw li ma kienux qed jaccettaw l-offerta taI-Agent Kummissarju tal-Artijiet;

Illi konsegwentement il-Kummissarju tal-Artijiet ipproceda kontra l-esponenti quddiem il-Bord tal-Arbitraggi dwar l-Artijiet permezz tar-rikors numru 19/2000/JC;

Illi permezz tar-risposta taghhom ghar-rikors surreferit l-esponenti eccepew illi t-talba ghat-tehid b'dominju pubbliku kellha tigi michuda in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

(i) Il-fond 'de quo' ma ghadux jezisti;

(ii) Ga qabel id-Dikjarazzjoni dwar it-tehid forzat tieghu l-Gvern kien ga ddemolixxa l-fond. Dan hekk sehh fl-1989. F'dawk id-dati cirkostanzi l-Gvern kien obbligat jakkwistah b'xiri assolut u mhux b'xi forma ohra ta' akkwist;

(iii) F'kull kaz huwa inkoncepibbli kif perit inkarigat mir-rikorrenti stabilixxa fl-1989 ir-rata specifika ta' fond li certament ma kienx ghadu jezisti fil-mument tar-redazzjoni tar-rapport tieghu. Ga minn qabel id-demolizzjoni tieghu l-appartament kien koncess b'cens versu r-rata ta' Lm40 fis-sena u ghalhekk ir-rata stabbilita hi f'kull kaz inaccettabbili;

Illi fis-7 ta' Marzu 2012 il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet ippronunzja l-gudizzju tieghu permezz tas-sentenza fl-ismijiet Agent Kummissarju tal-Artijiet vs Joseph Zammit et billi, filwaqt li ssimpatizza u qabel mar-ragunament tal-esponenti fir-rigward tal-ewwel zewg eccezzjonijiet, ghadda biex cahadhom stante illi ma jsibu ebda sostenn fil-ligi u dan minhabba illi ai termini tal-Kap.88 l-Awtorita tal-Art ghandha l-fakolta illi takwista art b'titlu ta' dominju pubbliku meta hekk jidrilha u thallas bhala kumpens kera ta' gharfien. Konsegwentement laqa' t-talbiet attrici u dana billi ipprefigga kumpens fl-ammont ta' mija u tmienja u hamsin ewro u erbghin centezmu (€158.40) fis-sena rapprezentanti kera ta' gharfien dovuta mill-Awtorita lill-esponenti;

Illi l-Agent Kummissarju tal-Artijiet interpona umili appell minn din is-sentenza liema appell sal-lum ghadu mhux appuntat.

Illi ghandu ghalhekk jirrizulta mis-suespost li l-Gvern kien gia spossessa lill-esponenti mill-propjeta taghhom fil-15 ta' April, 1989, meta illegalment u abbuzivament huwa ddemolixxa il-fond mertu tal-kawza, liema spussessar jammonta ghal espropjazzjoni 'de facto' u ghal liema l-esponenti ghadhom sal-lum mhux adegwament ikkompensati;

Illi dan l-agir jammonta ghal ksur lampanti tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti partikolarment dak protett bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll taI-Ewwel Artikolu taI-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja;

IIli ukoll, u fi kwalunkwe kaz, l-artikolu 19 tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta, u d-dispozizzjonijiet l-ohra relatati, ukoll jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti u dana peress illi ma jipprovdux ghal forma ta' kumpens xieraq ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li t-tehid tal-fond mertu tal-kawza b'titolu ta' dominju pubbliku jcahhad lill-esponenti mid-drittijiet propjetarji kollha lilhom spettanti;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet kollha

premessi, joghgobha:

1. Tiddikjara li d-demolizzjoni tal-fond numru 8, Flat 1, Old Prisoners Street, Senglea kienet wahda illegali u konsegwentement tammonta ghall-espropjazzjoni 'de facto' mill-awtorita responsabbli;

2. Tiddikjara illi l-istess demolizzjoni u l-konsegwenti esproprjazzjoni tilledi d-drittijiet fondamentali tal-esponenti u dana kif sanciti fl-artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja;

3. Tiddikjara nulli u bla effett l-artikolu 19 tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta u kull disposizzjonijiet ohra relatati tal-istess Kap stante li m'humiex kompatibbli mal-Kostituzzjoni ta' Malta, senjatament l-artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni, u mal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja;

4. Konsegwentement, tghaddi biex tannulla s-sentenza tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet ippronunzjata fis-7 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet Agent Kummissarju tal-Artijiet vs Joseph Zammit et;

5. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti b'konsegwenza tal-ksur tad-drittijiet taghhom kif hawn fuq indikat;

6. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-esponenti d-danni hekk likwidati;

7. Taghti kull ordni u rimedju iehor xieraq jew opportun biex tigi spurgata l-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom hawn lamentata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, ingunti minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

(i) Illi in linea preliminari, il-Prim Ministru mhux il-legittinu kontradittur ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk f'dan ir-rigward ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

(ii) Illi in linea preliminari ukoll, ir-rikorrenti ghadhom ma esawrixewx ir-rimedji ordinarji li jikkonsiti f'appell li intavola l-intimat Kummissarju li ghadu pendenti u ghalhekk din l-Onorabbili Qorti ghandha tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors promotur;

(iii) Illi in linea preliminari ukoll, ir-rikorrenti jridu jippruvaw it-titolu fuq il-proprjeta mertu tar-rikors odjern;

(iv) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu fi kwalunkwe kaz, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti in kwantu huma bazati fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Skeda huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-artikolu 19 tal-Kap. 88 ma jilledi bl-ebda mod id-dritt ta' proprjeta tar-rikorrenti kif qed jigi allagat. Illi l-esponenti jirrilevaw li ma hemmx ksur ta' drittijiet fondamentali meta l-Gvern sabiex jaghmel slum clearance u aggornament taz-zona jakkwista art b'titolu ta' dominju pubbliku fl-interess pubbliku u l-kumpens relattiv li f'dan il-kaz hi l-kera tal-gharfien, giet stabbilita mill-Ufficcju ghall-Valutazzjonijiet meta l-fond in kwistjoni kien diga demolit u b'kunsiderazzjoni ghad-daqs tal-proprjeta u fatturi oggettivi ohra;

(v) Illi skont l-artikolu 2 ta' Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta, '"skop pubbliku" jfisser kull skop li ghandu x'jaqsam ma' l-uzu eskluziv tal-Gvern jew ma' l-uzu pubbliku generali, jew li ghandu x'jaqsam ma' jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le jew ma' jew ghall-ippjantar ta' l-ibliet jew ma' jew ghar-rikostruzzjoni jew ghaz-zjieda fl-impiegi, jew ghat-tkattir fit-turizmu, jew ghall-promozzjoni tal-kultura jew ghall-preservazzjoni tal-identita nazzjonali u storika, jew ghall-harsien ekonomiku tal-Istat jew kull skop li ghandu x'jaqsam. mad-difiza ta' Malta jew li ghandu x'jaqsam ma' jew jiswa ghall-operazzjonijiet navali, militari jew ta' l-ajru; u jfisser ukoll kull skop iehor imsemmi bhala pubbliku minn xi ligi; u ghall-finijiet ta' din it-tifsira, fejn l-iskop sabiex jigi ezercitat xi dritt taht din l-Ordinanza jkun konness ma' l-utilizzazzjoni ta' xi art jew xi dritt konness jew relatat maghha ghal kull raguni marbuta mal-provvista, hazna jew distribuzzjoni ta' karburanti jew sorsi ohra ta' energija, jew f'konnessjoni mal provvista ta' xi servizz ta' utilita' jew servizz municipali jew progett infrastrutturali, ghandu jitqies bhala konness ma' jew ancillari ghall-interess pubbliku jew utilita."';

(vi) Illi l-esponenti jirribattu li l-intimat Kummissarju qed ihallas kumpens adegwat u gust tenut kont tac-cirkostanzi tat-titolu li bih giet esproprjata l-art in kwistjoni, liema hlas ta' kera hu iffissat ai termini tal-parametri stipulati fil-Kapitolu 88 skond ir-rati stabbiliti mill-Ufficcju tal-Valutazzjonijiet;

(vii) Illi ghalhekk ghar-ragunijiet hawn fuq premessi fic-cirkostanzi odjerni ma hemm ebda lezjoni ta' xi dritt fundamentali kif qed jallegaw ir-rikorrenti u fl-umli fehma tal-esponenti din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex tissostiwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-awtorita governattiva kif qed tigi rikjesta li taghmel fir-rikors odjern;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha kif dedotti fir-Rikors Promotur stante li c-cirkostanzi tal-kaz ma jipprezentaw l-ebda

vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Skeda kif qed jigi allegat; bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat is-sentenza taghha tat-12 ta' Frar 2014 li biha dina l-Qorti ddecidiet billi:

1. Cahdet l-ewwel, it-tielet u r-raba talbiet;

2. Laqghet in parte t-tieni talba billi ddecidiet li t-tehid b'dominju pubbliku tal-fond in kwistjoni jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti bi ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja;

3. Irriservat li tiddeciedi dwar il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet;

Spejjez riservati ghad-decizjoni fmali;

Rat in-nota tal-intimati a fol. 175 fejn gew ezibiti stimi maghmula fuq struzzjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal a fol. 127 fejn l-intimati ddikjaraw li l-binja illum isservi ghal social housing u hi proprjeta tal-Lands Department;

Rat il-verbal tal-14 ta' Jannar 2015 fejn l-intimati ddikjaraw li huma jaqblu mal-valutazzjoni ex parte tal-valur lokatizzju ezibit mir-rikorrenti

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

Illi l-kawza illum thalliet ghas-sentenza fuq it-talbiet rimanenti tar-rikorrenti fir-rigward tat-talba ghad-danni.

Illi l-Perit Michael Schembri ipprepara stima fuq struzzjonijiet tal-Kummissarju tal-Artijiet [Dok. A a fol. 176] datata 9 ta' Awissu 2013, fejn iffissa l-valur liberu u frank tal-fond in kwistjoni li kien mehtieg mill-Gvem ghal skop pubbliku. Hu kkunsidra l-lokalita, il-qies, l-ghamla, l-istat u l-potenzjal, l-valur tal-proprjetajiet ohra vicini jew simili u hwejjeg ohra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess fond, u wasal ghal valur ta' €45,000 (Lm19,318.50). Dan il-fond illum tnehha u minfloku nbnew appartamenti residenzjali godda.

Il-Perit Alexei Pace kien ipprepara stima fuq struzzjonijiet tar-rikorrenti datata 10 ta' Awwissu 2005, u wara li ezamina l-pjanti u wasal ghal stima ta' (Lm7,500) jew €17,470.30.

Ir-rikorrent ipprezenta wkoll stima ohra, din id-darba tal-Perit William Lewis datata 15 ta' Mejju 2014. L-istima tal-perit kien ibbazata fuq il-open market value u rental value tal-post in kwistjoni, utah valur ta' €50,000 ghall-proprjeta u €250 valur lokatizju fis-sena.

Illi b'verbal tal-14 ta' Jannar 2015 l-intimati ddikjaraw li huma jaqblu mal-valutazzjoni ex parte tal-valur lokatizzju ezibit mir-rikorrenti.

Illi f'kazijiet bhal dak odjern fejn jintalbu danni, il-proceduri kostituzzjonali ghandhom il-ghan li jindirizzaw il-lezjoni tad-dritt fundamentali illi kemm jista' jkun ipoggu lic-cittadin f'pozizzjoni daqs li kieku dak il-ksur qatt ma sehh.

Illi kif qalet il-Qorti fil-kawza **B. Tagliaferro & Sons Ltd vs Kummissarju tal-Art et**, (Kost 31/05/2013):

> Din il-Qorti tosserva li, fl-ewwel lok, id-danni materjali ghandhom jinzammu distinti mid-danni morali, ghax iz-zewg kuncetti ghandhom ratio legis differenti, fis-sens li, f'tal-ewwel l-iskop huwa dak li minn sofra hsara materjali jigi kumpensat b'danni bazati fuq it-telf materjali subit minnu, filwaqt li f'tal-ahhar, l-iskop huwa sabiex, min sofra ksur ta' xi dritt fundamentali tieghu jigi kumpensat ghal dik il-lezjoni rrispettivament mit-telf materjali li hu jkun sofra. Ghalhekk, il-fatt li r-rikorrenti ghad ghandhu rimedju ordinarju sabiex jigi kumpensat ghat-telf materjali li sofra ma jnaqqas xejn mid-dritt tieghu li jigi kumpensat ghal-lezjoni subit minnu bil-ksur tad-

> drittijiet fundamentali tieghu. Apparti minnhekk, jinghad li dawn iz-zewg rimedji jistghu jikkoezistu, fis-sens li l-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali jistghu, jekk jidhrilhom xieraq fil-kaz partikolari, jaghtu kemm danni morali kif ukoll danni reali, ghax ghalkemm dawn huma distinti, wahda ma teskludix lill-ohra (ara wkoll **Philip Grech et vs Direttur Akkomodazzjoni Socjali**, Kost 07/12/2010; **Mifsud vs Bonnici**, Kost 18/09/2009; u **Louis Apap Bologna v. Calcidon Ciantar**, Kost 24/02/2012).

Il-Qorti Kostituzzjoniali fil-kawza **B & B Property vs Kummmissarju tal-Artijiet**, deciza fil-9 ta' Novembru 2012 qalet li:

> Illi dwar l-ghoti tal-kumpens ghat-tehid ta' proprjeta in vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem taghmel distinzjoni bejn il-kaz fejn l-interferenza tkun wahda legali, u l-kaz fejn din tkun illegali jew arbitrarja. Fl-ewwel kaz l-ammont ta' kumpens huwa kalkulat f'somma "reasonably related" to the value of the property and which would have been found acceptable had the State compensated the applicants, or otherwise find an appropriate, equitable basis for compensation" [Q. E. D. B Appl. 2570/94 - The Former King of Greece v. Greece deciza 28Novembru 2002; u Appl. 58858/00[GC] Guiso-Gallisay v. Italy deciza 22 Dicembru 2009] filwaqt li fit-tieni kaz, fejn hemm "manifest unlawfulness" in the deprivation or dispossession, full restitution of losses is generally awarded."[Q. E. D. B Appl. 31107/95 - Iatridis v. Greece deciza 19 October 2002; u Appl.1355/89 Papamichopoulos v. Greece deciza 24 ta' Gunju 1993].

Illi fil-kaz in ezami l-post gie akkwistat mill-Gvern fl-interess pubbliku ghal social housing, taht titolu ta' dominju pubbliku fl-1991 skond il-ligi.

Kienu saru l-proceduri appositi. Il-Gvern kien offra kera tal-gharfien fl-ammont ta' Lm15.62 fis-sena u gie prezentat Avviz ta' Ftehim fl-1999 f'dak is-sens. Ir-rikorrenti kienu kkontestaw l-ammont offrut u l-Bord tal-Arbitragg iddecieda li l-kera ta' gharfien kellu jkun ta' Lm68. L-intimat kien appella minn dik id-decizjoni u l-appell ghadu mhux appuntat.

Illi f’dan il-kaz il-kwistjoni dwar danni materjali jew kumpens li qed jitlobu r-rikorrenti fir-rigward tat-tehid tal-proprjeta taht titolu ta' dominju pubbliku dina l-kwistjoni ghad trid tigi deciza mill-Qorti tal-Appell biex ir-rikorrenti jigu kumpensati gustament.

Dina l-Qorti ghalhekk trid hawnhekk tindirizza biss il-kumpens li haqqhom ir-rikorrenti ghall-lezjoni tad-dritt fundamentali riskontrat minn dina l-Qorti fl-ewwel sentenza taghha.

Illi tajjeb li ssir referenza ghal dak li intqal fis-sentenza ta' dina l-Qorti tat-12 ta' Frar 2014 fejn saret referenza ghas-sentenza tal-Bord tal-Arbitragg fejn l-espert teknici nominati mill-Bord kienu qalu li fl-1986 l-fond kien gie stmat ai fini tad-denunzja fl-ammont ta' Lm1,000 u li skond stima tal-Perit Pace tat-2005 imqabbad mir-rikorrenti l-valur tal-proprjeta gie stmat fl-ammont ta' Lm7,500. L-esperti teknici minn naha taghhom stmaw il-proprjeta fl-ammont ta' Lm4,540.

Illi f'dina l-kawza l-intimati qed jaccettaw dina l-istima tal-Perit Pace li giet annessa minnhom mas-stima tal-Perit Schembri mqabbad minnhom.

L-istima tal-Perit Schembri hija ghall-ammont ta' Lm19,318.50. Ir-rikorrenti pprezenta stima ohra tal-Perit Lewis fl-ammont ta' Lm21,465. Issa basikament il-partijiet qed jaqblu fuq il-valur tal-fond billi d-differenza bejnithom hija minima jekk il-Qorti tikkunsidra l-istima tal-Perit Schembri u dik tal-Perit Lewis.

Issa biex tasal ghal kumpens li ghandhom jinghataw ir-rikorrenti, il-Qorti trid tara l-piz eccezziv li tpogga fuq ir-rikorrenti u l-isproporzjon fl-ammont ta' kera offrut lilhom.

Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti xehdu li qabel ma l-post ittiehed mill-intimati huma kienu taw il-post b'cens ta' Lm40 fis-sena ghalhekk kienu almenu qed jippretendu li l-ammont jirdoppja skond il-ligi u mhux li jinghataw biss Lm68 mill-Bord tal-Arbitragg. Jigi rilevat ukoll li fir-rapport tal-esperti teknici quddiem il-Bord l-valur lokatizzju li kienu qed jippretendu r-rikorrenti kien ta' Lm98.56 u ghalhekk il-Bord qatt ma setgha jaghti aktar milli talbu r-rikorrenti. Jigi rilevat ukoll li l-kumpens li inghata mill-Bord gie ffissat ai termini tal-Kap. 88 u skont il-valutazzjoni solita. Illi ghalhekk hemm differenza bejn dak li l-intimati offrew l-ewwel cioe Lm15.62, dak li ddecieda l-Bord, Lm68 u dak li kienu qed jitolbu r-rikorrenti Lm80 jew Lm98.56 fis-sena.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni s-segwenti:

Illi ir-rikorrenti ilhom minghajr kumpens ghat-tehid ta' dina l-proprjeta minn 1988;

Illi l-kumpens iffissat mill-esperti teknici hu marbut mal-valur tal-post f'sena partikolari, minghajr ma jittiehed in konsiderazzjoni il-cost of living increases;

Illi r-rikorrenti ma ghandhomx cans li jiehdu l-post lura billi l-post huwa illum demolit u minfloku hemm appartament godda;

Illi l-kera ser jibqa’ l-istess u mhux se joghla;

Illi fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti ghandhom jinghataw kumpens ta' €15,000 bhala kumpens ghal lezjoni sofferta.

Decide

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-hames, is-sitt u s-sebgha talbiet tar-rikorrenti u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-ksur tad-drittijiet taghhom kif hawn fuq indikat fl-ammont ta' €15,000 u tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati; l-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

< Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------